# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2025**

**Numru 1**

**Rikors Numru 183/2024**

**Victoria arma mill-Perit Andre Zammit (KI. 679743M), l-Perit Ian Zammit (KI. 348064M), Louis Jones (KI. 0950550M), Agnes Jones (KI. 775548M), Monica Brierley (KI. 517047M), Margaret Zulauf (KI. 0228008L), Susan Rodda (KI. 0321254M)**
**vs**
**Tabib Michael Azzopardi (KI. 488546M) u Carmelina sive Lina Azzopardi (K.I. 820249M)**
**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Victoria Zammit et (ir-rikorrenti) tal-10 ta' April 2024, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

i. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond residenzjali ossia **Palazzo Torretta, 477, Triq il-Kbira, San Guzepp, Santa Venera**, li huma akkwistaw mill-eredita` tal-mejta Luigi u Elvira Galea li mietu

rispettivament fis-16 ta' Dicembru 1949 u 6 ta' Frar 1971 risepttivament.

ii. Illi l-wirt tal-**konjugi Galea** huwa regolat b'testment tat-8 ta' Frar 1945 fl-atti tan-Nutar Carlo Micallef DeCaro, **DOK A** hawn anness u mmarkat, fejn huma nnominaw bhala eredi universali tagghom lil uliedhom, illum ilkoll mejta, **Carmelina Galea**, xebba, **Victor Galea, Emanuel Galea, Joseph Galea, Rev Patri Anthony Galea** u **Evelyn Jones**.

iii. Illi l-imsemmija **Carmelina Galea** mietet xebba fl-4 ta' April 1975 u l-wirt taghha ddevolva fuq hutha hawn fuq imsemmija *ab intestato* u stante li ghaddew iktar minn 30 sena mill-mewt taghha m'hemmx bzonn li tingieb kopja tad-denunzja tas-successjoni.

iv. Illi l-imsemmi **Rev Patri Anthony Galea** bil-pregudika tas-7 ta' Settembru 1971 fl-Atti tan-Nutar Dottor Jospeh Cachia, **DOK B** hawn annessa u mmarkata, l-eredita` tieghu infethet qabel ma ha l-voti solenni tieghu u ghalhekk il-wirt tieghu iddevolva fuq hutu l-ohra fuq imsemmija.

v. Illi b'hekk il-proprjeta` in kwistjoni kellha tigi diviza fi kwart (1/4) indiviz kull wiehed mir-rimanenti eredi tal-konjuugi Galea, *ossia* **Victor Galea, Emanuel Galea, Joseph Galea,** u **Evelyn Jones** li kienu mizzewga u/jew bil-prole.

vi. Illi l-imsemmi **Avukat Dottor Joseph Galea** miet fis-17 ta' Frar 1988 u l-wirt tieghu ta' kwart (1/4) indiviz mill-istess proprjeta` ddevolva fuq martu Maria Dolores Galea u li sussegwentement b'kuntratt tal-4 ta' Otturbu 2002 fl-Atti tan-Nutar Dottor Mark Anthony Sammut, **DOK C** hawn anness u mmarkat, l-istess rikorrenti *ossia* Victoria Zammit akkwistat 1/36 waqt li Evely Jones akkwistat 1/12 mill-istess proprjeta`, Margaret Zulauf u Susan Rodda akkwistaw 1/24 kull wiehed, waqt li l-Perit Ian Zammit akkwista 1/18 mill-istess proprjeta` kif jirrizulta mill-istess kuntratt.

vii. Illi ghalhekk, l-eredi ta' Victor Galea, Emanuel Galea, u Evelyn Jones ippossedew terz (1/3) indiviz kull wiehed mill-proprjeta` in kwistjoni.

viii. Illi l-imsemmi **Victor Galea** miet fis-7 ta' Lulju 1990 minghajr testment u l-wirt tieghu ddevolva fuq uliedu Margaret Zulauf u Susan Rodda u sehmu mill-fond in kwistjoni ddevolva in kwantu ghal ottava (1/8) parti indiviza kull wiehed, waqt li uliedu Margaret Zulauf u Susan Rodda akkwistaw dodicezima (1/12) parti mill-proprjeta` in kwistjoni mill-kuntratt ta' komprovendita DOK C hawn fuq riferit. Illi gialadarba ghaddew aktar minn 30 sena mill-mewt ta' Victor Galea, mhux

mehtieg li tingab kopja tad-denunzja tal-wirt tieghu lill-Kummisarju tat-Taxxi Interni.

ix. Illi l-imsemmi **Emanuel Galea** miet mingahjr testement fis-17 ta' Awwissu 1956 u l-wirt tieghu iddevolva ab intestato fuq uliedu Philip Galea, Alexander Galea, u Victoria Zammit, provenjenti mill-eredita` ta' Luigi Galea *ossia* l-ottava (1/8) parti indiviza minn din l-eredita` waqt li l-ottava (1/8) parti indiviza mill-wirt ta' nannithom Elvira Galea ghadda direttament fuq l-imsemmija uliedu Philip Galea, Alexander Galea, u r-rikorrenti Victoria Zammit li ghalhekk kellhom ¼ bejniethom mill-proprjeta` in kwistjoni.

x. Illi **Alexander Galea** bigh sehmu, *ossia* dodicezima (1/12) parti indiviza mill-proprjeta` in kwistjoni, lill-Perit Ian Zammit b'kuntratt tal-14 ta' Ottubru 2004 fl-Atti tan-Nutar Dottor Mark Anthony Sammut, **DOK D** hawn anness u mmarkat.

xi. Illi b'kuntratt tad-19 ta' Jannar 2005 fl-Atti tan-Nutar Dottor Mark Anthony Sammut, **DOK E** hawn anness u mmarkat, **Philip Galea** b'titolu ta' donazzjoni ttrasferixxa b'titolu ta' proprjeta lir-rikorrenti Victoria Zammit, biex b'hekk, hija ghandha mill-proprjeta` provenjenti l-eredita` ta' missierha sest (1/6) indiviz mill-fond in kwistjoni.

xii. Illi l-Perit Andre Zammit miet fl-14 ta' Mejju 2020 u l-wirt tieghu iddevolva b'testement tal-5 ta' Mejju 2015 fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon fejn, fost affarjiet ohra, halla lil martu s-sehmijiet li talvolta seta' kellu minn din il-proprjeta` gialadarba ma gewx assenjati lil-legatarji hemm nominati fit-totalita` tar-rimanenza u nnomina lir-rikorrenti Victoria Zammit bhala eredi universali tieghu u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni *causa mortis* tat-30 ta' Dicembru 2020 fl-Atti tan-Nutar Dottor Michael Galea, **DOK F** hawn anness u mmarkat.

xiii. Illi barra minn hekk, bil-kuntratt DOK C hawn fuq riferit, ir-rikorrenti Victoria Zammit akkwistat ($^{1}/_{36}$) parti indiviza ohra waqt li l-Perit Ian Zammit akkwista diciottesima ($^{1}/_{18}$) indivizi iehor mill-istess proprjeta`, biex b'hekk, Victoria Zammit ghandha $^{7}/_{36}$ tat-totalita` waqt li l-Perit Ian Zammit ghadnu $^{5}/_{36}$.

xiv. Illi **Evelyn Jones** mietet fit-8 ta' Gunju 2008 u l-wirt taghha ddevolva b'testment tat-2 ta' Awwissu 2004 fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon fejn innominat bhala eredi universali taghha lill-uliedha r-rikorrenti Monica Brierley, Suor Helen Jones, Louis Jones, u Agnes Jones u dan in kwantu ghall-kwart indiviz (1/4) provenjenti lilha mill-wirt tal-mejjtin genituri taghha Luigi u Elvira Galea u b'dikjarazzjoni causa mortis tal-25 ta' Novembru 2008 fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph

Henry Saydon, **DOK G** hawn anness u mmarkat, dan is-sehem gie debitament dikjarat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Illi *oltre* dan, maghhom irid jizdied id-dodicezima parti (1/12) mill-proprjeta` li Evelyn Jones kienet akkwistat b'kuntratt ta' komprovendita minghand Maria Dolroes Galea, biex b'hekk is-sehem li gie debitament dikjarat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mill-eredi tal-mejta Evelyn Jones minn din il-proprjeta` kien ta' terz (1/3) indiviz.

xv. Illi bint Evelyn Jones, *ossia* **Suor Helen Jones** mietet fil-11 ta' Gunju 2020 u l-wirt taghha mill-eredita` tal-mejjta ommha Evelyn Jones kien jikkonsisti f'dodicezima (1/12) parti indiviza mill-istess proprjeta`, liema eredita` giet debitament denunzjata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'kuntratt tad-29 ta' April 2022 fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon, **DOK H** hawn anness u mmarkat.

xvi. Illi b'koncessjoni emfitewtika temporanja tad-9 t'Awwissu 1973 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia, hawn anness u mmarkat bhala ***DOK AA***, r-rikorrenti kienu kkoncedew titolu ta' emfitewsi temporanja ghal zmien sbatax-il sena, il-fond imsemmi lil intimati ai termini tal-ligi.

xvii. Illi din il-koncessjoni emfitewtika temporanja skadiet fit-8 ta'Awwissu 1990 izda ai termini tal-Artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta, minhabba li l-intimat kien cittadin ta' Malta u kien jokkupa l-fond bhala r-residenza ordinarja tieghu, huwa kellu dritt jibqa' jokkupa l-fond in kwistjoni b'mod indefinit b'titolu ta' kera li kellha toghla darba kull hmistax-il sena izda qatt iktar mid-doppju.

xviii. Illi b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-21 ta' Jannar 1994, hawn anness u mmarkat bhala ***DOK AB***, il-kera giet awmentata ghal €2,282.69 fis-sena.

xix. Illi l-fond in kwistjoni kien fond dekontrollat skont ordni ta' dekontroll tal-11 ta' Dicembru 1992, mahrug mill-Land Valuation Office, hawn anness u mmarkat bhala ***DOK AC***.

xx. Illi kif fuq inghad, l-intimat beda jhallas kera ta' **€**2,282.69 fis-sena ai termini tas-sentenza ***DOK AB*** surreferita, liema kera sussegwentement kellha togħla skond ir-rata ta' inflazzjoni péro qatt aktar mid-doppju darba kull ħmistax-il sena, u dan sat-8 ta' Awwissu 2005 meta l-kera regghet gholiet ai termini tal-ligi, u regghet gholiet fid-9 t'Awwissu 2013 ai termini tal-Att X tat-2009, u kompliet toghla kull tliet snin sakemm b'sentenza tal-**Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) appell numru 182/2018 LM fl-ismijiet Perit Ian Zammit vs Dr. Michael Azzopardi et deciza fit-28 ta' Settembru 2022**, il-kera gholiet ghal €20,000 fis-sena, u dan ai termini tal-Att XXVII tal-2018, liema sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala ***DOK AD***.

xxi. Illi huwa evidenti illi l-kera li r-rikorrenti kienu qed jircievu fid-9 t'Awwissu 1990, sal-1 ta' Awwissu 2018, kienet kera mhux skont is-suq bi vjolazzjoni tal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea.

xxii. Illi bid-dhul fis-sehh tal-Att XXIII tal-1979, l-inkwilin gie moghti d-dritt li jibqa' jghix fil-fond b'kera irrizorja li ma tirriflettix is-suq u lanqas izzomm bilanc bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, bl-unika awment permessibbli fil-kera jkun dak skond ir-rata ta' inflazzjoni kif determinata mill-Awtoritajiet Governattivi.

xxiii. Illi ghalhekk effettivament ir-rikorrenti gew spossessati mid-dritt ta' uzu tal-proprjetà taghhom wara li skada t-terminu enfitewtiku *ossia* fit-8 t'Awwissu 1990, u ghalhekk gew assoggettati wkoll ghal relazzjoni forzata ta' sid u inkwilin ghal perijodu indefinit u ntilef il-bilanc bejn l-interessi tal-inkwilin u dawk tas-sidien, minkejja l-ftehim ta' koncessjoni emfitewtika temporanja.

xxiv. Illi l-awmenti fil-kera li huma intitolati għalihom ir-rikorrenti skond il-Ligi, inkluz l-Att X tal-2009 huma miżeri għall-aħħar ghal perijodu bejn id-9 t'Awwissu 1990 sal-1 t'Awwissu 2018 meta paraġunati mal-valur lokatizju tal-fond fis-suq u l-potenzjal tiegħu, u għalhekk tali legislazzjoni ma ħolqot l-ebda bilanċ bejn l-interess ġenerali u l-interess tar-rikorrenti, anzi kompliet tikkalpesta id-drittijiet fundamentali tas-sidien.

xxv. Illi dan kollu sar bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, stante illi l-Att XXIII tal-1979 li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Ġunju, 1979, ta protezzjoni mhux misthoqqa lill-inkwilin, liema protezzjoni huwa kkwalifika ghaliha semplicement ghax kien cittadin Malti u ordinarjament residenti fil-fond in kwistjoni, u minkejja l-ftehim raggunt bejn d-direttarja u l-enfitewta, liema ftehim kien wiehed ta' ċens **temporanju**.

xxvi. Illi l-ligijiet vigenti vvjolaw d-drittijiet Kostituzzjonali tar-rikorrenti biex b'hekk huma sofrew danni minhabba din il-lezjoni sa din it-tali ġurnata.

xxvii. Illi l-antekawza tar-rikorrenti ma kellux triq ohra hlief li jikkoncedi b'titolu ta' enfitewsi temporanja l-fond imsemmi u dan stante illi gialdarba l-fond gie dekontrollat fil-11 ta' Dicembru 1992 skont ic-certifikat mahrug mill-Land Valuation Office hawn anness, il-fond allura kien soggett ghar-rekwizizzjoni kien soggett wkoll ghall-*'fair-rent'* ossia d-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Ordinanza XVI tal-1944 li huma marbutin mal-kera li l-fond seta' jgib fl-4 ta' Awwissu 1914.

xxviii. Illi dan kien assolutament inaccettabbli ghall-antekawza tar-rikorrenti u ghalhekk l-unika mod biex jipprotegi l-proprjetà taghhom mir-rekwizizzjoni u mill-*'fair-rent'* kien billi jikkoncedih b'titolu ta' enfitewsi temporanja, kif fil-fatt ghamel. Madanakollu, bil-promulgazzjoni tal-Att XXIII tal-1979 kollox sarlu suf.

xxix. Illi huma ma kellhom l'ebda ghazla ohra biex jgawdu hwejjighom u jipprotegu l-istess kif fuq inghad, salv li jbieghu l-istess fond, haga li huma ma riedux jaghmlu u ma kienx jaqbillhom jaghmlu ghax riedu jibqghu jgawdu hwejjighom.

xxx. Illi r-rikorrenti gew imcaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà taghhom minghajr ma gew moghtija kumpens xieraq għat-tehid tal-istess fond b'mod sfurzat u mhux skond il-pattijiet kuntrattwali minnhom raggunti, ghal perijodu bejn id-9 t'Awwissu 1990 u l-1 t'Awwissu 2018. Infatti, l-unika kumpens li gie offrut lilhom ai termini tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta kien li jitħallsu iż-żieda fir-rata ta' inflazzjoni li ma setgħet qatt teċċedi d-doppju kif stabbilit fil-kuntratt oriġinali, meta fil-fatt il-valur lokatizju tal-istess fond, dak iż-żmien u iktar u iktar illum, kien ferm iżjed mill-kera annwali ta' **€**2,282.69 fis-sena, liema kera kif sussegwentement awmentata bl-emendi tal-Att X tat- 2009 u tal-Att XXVII tal-2018 hija xorta wahda leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti stante li ma nzammx il-proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilina.

xxxi. Illi r-rikorrenti qatt ma rcevew din il-kera gusta fis-suq bejn id-9 t'Awwissu 1990 u l-1 t'Awwissu 2018.

xxxii. Illi l-Att XXIII tal-1979 ippriva lir-rikorrenti mill-proprjetà taghhom minkejja li l-antekawza minnhom ha hsieb biex jassigura li dan ma jsirx oltre li l-istess ligi illediet d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ta' proprjetà kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja stante li hija ma rcevietx kumpens adegwat ghat-tehid ta' hwejjigha, u dan kkawza sproporzjon bejn id-drittijiet taghha bhala sid u dawk tal-inkwilina.

xxxiii. Illi r-rikorrenti ma kellhomx rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghax huma ma setghux jżidu l-kera b'mod ekwu u ġust skond il-valur tas-suq ta' llum, minhabba li dak li effettivament huma setghu jircievu huwa dak kif limitat bil-Kap. 158 u l-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

xxxiv. Illi dan kollu digà ġie determinat fil-kawżi ***'Amato Gauci Vs Malta'***, deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2009; ***'Lindheim and others Vs Norway'*** deċiża fit-12 ta' Ġunju 2012; u ***'Zammit and Attard Cassar vs Malta'***, kawża nru. 1046/12 deciża fit-30 ta' Lulju 2015.

xxxv. Illi ġialadarba r-rikorrenti sofrew minn nuqqas ta' *"fair balance"* bejn l-interessi ġenerali tal-komunità u l-bżonnijiet u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif deċiż inter alia f' ***'Beyeler vs Italy'*** (Rikors nru. 33202/96), u għalhekk ma ġiex rispettat il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif ġie deċiż *inter alia* f'***'Almeida Ferreira et vs Portugal'*** tal-21 ta' Diċembru 2010, għandu jiġi dikjarat illi d-drittijiet fundamentali tas-sidt *qua* rikorrenti gew leżi bid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

xxxvi. Illi r-reġolamenti ta' kontroll tal-kera huma interferenza mad-dritt tas-sidien għall-uzu tal-proprjeta' tagħhom stante illi l-kirja sfurżata u r-restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sidien li jitterminaw l-istess kirja jikkostitwixxi kontroll tal-użu tal-proprjeta' fit-termini tat-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (*vide* ***'Hutten-Czapska vs Poland'*** nru. 35014/97, §§ 160-161, ECHR 2006-VIII, *'**Bitto and Others vs Slovakia'***, nru. 30255/09, § 101, 28 ta' Jannar 2014 u ***'R&L, s.r.o. and Others'*** §108) u dan ukoll jinċidi fuq id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

xxxvii. Illi fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti ghandu jircievi sia danni pekunjarji kif wkoll danni morali minghand l-intimat Avukat tal-Istat kawza tal-leżjoni li huwa sofra għal għexieren ta' snin minħabba legislazzjoni inġusta u mhux ekwa u li ma kkreatx bilanċ gust bejn id-drittijiet tal-inkwilin u dawk tas-sid, u dan mit-terminazzjoni tal-koncessjoni enfitewtika temopranja *ossia* **mid-9 t'Awwissu 1990** sad-dhul fis-sehh tal-Att XXVII tal-2018.

**Ghaldaqstant**, ir-rikorrrenti jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna, joghgobha:-

**I.** **Tiddikjara u Tiddeciedi** illi ghar-ragunijiet fuq esposti u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-fatti suesposti bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti, *inter alia* l-operazzjonijiet tal-Artikolu 5 u 12 partikolarment l-Artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 u bl-Att X tal-2009, u disposizzjonijiet ohra vigenti, fil-konfront tar-rikorrenti, taw dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimat **Tabib Michael Azzopardi (K.I. 488456M) u Carmelina sive Lina Azzopardi (K.I. 820249M)**, ghall-fond ***Palazzo Torretta, 477, Triq il-Kbira, San Guzepp, Santa Venera***, b'tali mod li gie rez prattikament impossibli ghar-rikorrenti li jirriprendi l-pussess effettiv tal-istess fond, proprjetà taghhom; Konsegwentement

**II.** **Tiddikjara u Tiddeciedi** illi bil-kontinwata okkuppazzjoni tal-fond ***Palazzo Torretta, 477, Triq il-Kbira, San Guzepp, Santa Venera***, proprjetà tar-rikorrenti, minn **Tabib Michael Azzopardi (K.I.**

**488456M) u Carmelina sive Lina Azzopardi (K.I. 820249M)**, minghajr il-hlas ta' kumpens adegwat u li jirrifletti l-valur tas-suq, li sarrfet fil-privazzjoni kontinwata tar-rikorrenti mill-pussess tal-fond fuq imsemmi, u bl-applikazzjoni tal-ligijiet li ppermettew u ghadhom qed jippermettu din l-okkupazzjoni, gew u ghadhom qieghdin jigu vjolati d-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta) u bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta; Konsegwentement

III. **Tiddikjara u Tiddeciedi** illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghal kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b’konsegwenza tas-suespost u b’konsegwenza tal-fatt illi l-ligijiet vigenti ma kreawx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini **Tabib Michael Azzopardi (K.I. 488456M) u Carmelina sive Lina Azzopardi (K.I. 820249M)**, stante li ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta’ in kwistjoni ai termini tal-Ligi.

IV. **Tillikwida** l-istess kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-Ligi.

V. **Tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat jhallas l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

**Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-intimati minn issa in subizzjoni.**

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-iStat (l-intimat Avukat) tal-14 ta’ Mejju 2024, li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. Qabel xejn, ir-rikorrenti jridu jressqu prova sodisfaċjenti tat-titolu tagħhom fuq il-fond in kwistjoni. Apparti minn hekk, iridu juru wkoll li din il-kirja hija tassew imħarsa bl-operazzjoni tal-**artikoli 12(2) tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar** (Kap. 158 tal-Liġijiet ta’ Malta);

2. Mir-rikors promotur u mid-dokumenti mehmuża miegħu ma jidhirx li l-**Artikolu 5 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta’ Malta** huwa applikabbli għall-vertenza odjerna. Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti għandhom juru l-applikabbilta` ta’ dan l-Artikolu għall-vertenza odjerna jekk qegħdin jinsistu li l-kirja in kwistjoni taqa’ taħt l-imsemmi Artikolu;

3. Sa fejn wħud mir-rikorrenti akkwistaw ishma indiviżi mill-fond in kwistjoni b'atti *inter vivos*, huma ma jistgħux jippretendu kumpens għal dawk l-ishma ndiviżi għall-perjodi meta huma ma kinux għadhom sidien tal-istess ishma indiviżi;

4. Subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu l-esponent jopponi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qiegħdin jiġu mressqa mingħajr preġudizzju għal xulxin;

5. Illi safejn l-azzjoni rikorrenti hija mibnija fuq l-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, din ma tistax tintlaqa' minħabba li skont l-**Artikolu 37 (2) (f) tal-Kostituzzjoni**, ebda ħaga f'dan l-artikolu m'għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta xi liġi safejn din tkun tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' propjeta' li sseħħ fil-kuntest ta' kirja;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċepixxi l-inapplikabilita' tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u dan peress illi dan l-artikolu japplika biss f'każ ta' teħid forzuż tal-proprjetà. Illi sabiex wieħed ikun jista' jitkellem fuq teħid forzuż jew obbligatorju, persuna trid tiġi żvestita minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjetà. Pero' ċertament li fil-każ odjern fejn l-individwu jibqa sid tal-propjetà, tali żvestiment ma jsirx u dan peress illi bit-tħaddim tal-**artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta**, ir-rikorrenti ma tilfux għal kollox id-drittijiet kollha fuq il-fond in kwistjoni. Il-miżura msemmija fil-liġi li qegħdin jattakkaw ir-rikorrenti, għalkemm tinkwadra ruħha taħt kontroll ta' użu fil-kuntest tal-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**, madankollu din ċertament ma twassalx għal deprivazzjoni totali tal-proprjetà. Isegwi għalhekk li l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax fil-parametri tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u konsegwentement għandu jiġi miċħud;

7. Safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, l-esponent jirreleva li skont il-proviso ta' dan l-Artikolu tal-Konvenzjoni, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-Liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali. Illi hija ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesa' u għandu marġini ta' apprezzament wiesa' sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali;

8. Tali diskrezzjoni tal-leġislatur m'għandiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestament mingħajr bażi raġjonevoli. Magħdud ma' dan, l-esponent jisħaq li fil-każ odjern hemm bażi raġjonevoli li tiġġustifika l-promulgazzjoni tal-leġislazzjoni li tinsab taħt skrutinju fil-kawża odjerna;

9. Dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma hemm ebda ksur tal-**Ewwel Artikolu tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea** wkoll peress illi dak li ġara fil-każ odjern huwa biss li l-Istat irregola sitwazzjoni ta' natura soċjali fl-ambitu tal-ġid komuni b'dana pero' li baqgħu impreġudikati d-drittijiet tar-rikorrenti bħala sid *qua* proprjetarju tal-fond in kwistjoni;

10. L-artikoli **tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta** taħt skrutinju huma maħsuba biex jipproteġu persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar ta' abitazzjoni tagħhom f'għeluq it-terminu konċess lilhom fil-kuntratt ta' kiri, tal-enfitewsi jew sub-enfitewżi u dan sabiex ma jispiċċawx mingħajr saqaf fuq rashom u dan taħt kondizzjonijiet riveduti li jinkludu l-awment tal-ammont imħallas lis-sid li jiżdied ukoll kull tliet snin skont l-għoli tal-ħajja. Isegwi li dawn l-artikoli ma jistgħux jiġu klassifikati bħala mhux leġittimi jew mhux fl-interess ġenerali. Ifisser b'hekk li safejn ir-rikorrenti qegħdin jitolbu dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-Liġi tikser il-Konvenzjoni Ewropea tali talba mhijiex mistħoqqa;

11. Inoltre dwar l-ilment tal-allegata sproporzjon fil-kera, jiġi rilevat li fil-każ tar-rikorrenti, irid jittieħed in kunsiderazzjoni li f'ċirkostanzi bħal dawn, fejn jeżisti interess ġenerali leġittimu, ma jistax isir paragun mal-valur lokatizzju tal-proprjeta` fis-suq ħieles kif pretiż mir-rikorrenti, u dan wisq inqas meta wieħed jipparaguna kera jew ċens pagabbli fil-passat ma' valuri kurrenti. Għalhekk anke jekk għall-grazzja tal-argument biss fil-każ odjern jirriżulta li l-kera dovuta lir-rikorrenti hija inferjuri għall-valur lokatizju fis-suq, dan it-tnaqqis huwa kontro-bilanċjat bil-marġini wiesa' tal-Istat li jilleġisla fil-kuntest ta' miżuri soċjali u mill-ħtieġa soċjali ta' dawk il-miżuri;

12. Minkejja li f'każijiet oħra kontra l-Istat Malti fejn saret lanjanza ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea bbażata fuq it-tħaddim tal-**artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-Qorti Ewropea setgħet waslet għall-konklużjoni li kien hemm sproporzjonalita' u tqassim mhux xieraq tal-piżijiet u l-benefiċċji, jiġi rilevat li tali ġurisprudenza hija limitata għall-fattispecie u għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' dawk il-każijiet. Huwa rilevanti pero' li l-istess Qorti Ewropea rrikonoxxiet prinċipju importanti: "*The Court considers that the legislation at issue in the present case pursued a legitimate social policy aim, namely the social protection of tenants.*"[1];

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost jirriżulta li ma hemm ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad il-pretensjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

[1] *Amato Gauci v Malta* paragrafu 55.

Rat ir-risposta tat-tabib Michael Azzopardi et (l-intimati) tat-22 ta' Mejju 2024, li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, in linea preliminari, in-numru tal-karta tal-identita' tal-esponenti Tabib Michael Azzopardi huwa 488546M u mhux dak stipulat mir-rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom u għalhekk jeħtieġ li jiġi koreġut.

2. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti mhumiex il-legittimi kuntraditturi ghat-talbiet tar-rikorrenti f'dawn il-proceduri ghar-raguni illi bhala cittadini privati ma jistghux jinstabu responsabbli ghal allegati vjolazzjoni ta' drittijiet tal-bniedem da parti tal-Istat u huwa biss l-Istat li ghandu iwiegeb ghall-ghemil tieghu. Fi kwalunkwe kaz, l-intimati esponenti ma kisru l-ebda drittijiet tar-rikorrenti.

3. Illi in linea preliminari ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova tat-titolu pretiz minnhom.

4. Illi fil-mertu, u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari suesposti, l-esponenti għadhom qed jokkupaw il-fond u ghandhom titolu validu ta' kera u dan abbazi tal-fatt illi l-esponenti kienu dahlu f'kuntratt fejn l-antekawza fit-titolu tar-rikorrenti kienu ikkoncedew il-fond in kwistjoni b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghal zmien ta' sbatax-il sena, fid-disgha (9) ta' Awwissu 1973, liema titolu inqaleb f'wieħed ta' kera wara it-terminazzjoni tal-enfitwesi fit-8 ta' Awwissu 1990, bil-ħidma tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi in oltre, l-esponenti dejjem kienu koerenti mal-obbligi taghhom taħt l-istess kuntratt, inkluz hlas ta' cens puntwali u manutenzjoni ordinarja tal-fond in kwistjoni.

6. Illi b'żieda ma' dan, u kif aċċennaw għalihom ir-rikorrenti fir-rikors promotur, ir-rikorrenti ssoġġettaw lill-esponenti għal numru ta' kawzi marbutin mal-kera fuq l-istess fond in kwistjoni, u l-esponenti dejjem mxew mas-sentenzi li taw l-Onorabbli Qrati f'dan ir-rigward, kif ukoll mal-liġijiet viġenti f'dan ir-rigward, u anke fejn ir-rikorrenti ma aċċettawx il-kera, l-esponenti dejjem iddepożitawha taħt l-Awtorita' tal-Qorti.

7. Illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax għall-każ odjern u dan peress illi dan l-artikolu japplika biss f'każ ta' teħid forzuż tal-proprjeta', li fil-każ odjern ma sarx u dan peress illi bit-tħaddim tat-artikolu 12 tal-

Kap.158 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti ma tilfux għal kollox id-drittijiet kollha fuq il-fond in kwistjoni.

8. Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali, jiġi rilevat li l-Istat għandu dritt li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta' skont l-interess ġenerali, u l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jistabilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali.

9. Illi ghalhekk, il-kontroll ta' uzu tal-proprjeta' in kwistjoni, da parti tal-Gvern ta' Malta, hija mizura legittima, u tabilhaqq isservi ghan socjali. Konsegwentement, ma jezisti l-ebda zbilanc bejn l-interessi tar-rikorrenti u dawk tal-esponenti li jimmerita dikjarazzioni ta' ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali.

10. Illi in oltre, bid-dħul fis-seħħ tal-Att X tal-2009, il-qagħda tar-rikorrenti ġiet għall-aħjar, u dan gialadarba illi l-emendi kienu pass 'il quddiem biex il-leġislatur joħloq bilanċ bejn l-interessi tas-sidien u dawk tal-inkwilini.

11. Illi apparti minn hekk, is-sitwazzjoni tal-atturi tjiebet ukoll permezz tas-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021), li giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) permezz ta' sentenza moghtija fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), fejn l-intimati gew ordnati biex jibdew ihallsu l-kera ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) fis-sena lill-atturi.

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda wahda mit-talbiet ma hija diretta kontra l-esponenti u ghalkemm wiehed jifhem ghalfejn gew inkluzi f'dawn il-proceduri, l-esponenti certament m'ghandhomx ibaghtu l-ispejjez ta' din il-procedura.

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fir-rikors.

Semgħet u qrat ix-xhieda mressqa fil-perkors tas-smigħ.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' Fatti**

Ir-rikorrenti huma propjetarji ta' 477, Palazzo Torretta, Triq il-Kbira, San Ġużepp, Santa Venera, li kien mikri lilll-intimati. Ir-rikorrenti akkwistaw tali propjeta` *inter vivios* jew b'wirt wara l-mewt ta' Luigi u Elvira Galea li mietu rispettivament fis-16 ta' Diċembru 1949, u 6 ta' Frar 1971 rispettivament. L-istess fond ingħata b'konċessjoni emfitewtika temporanja li skadiet fit-8 t'Awwissu 1990. Minħabba l-applikazzjoni tal-liġi, tali konċessjoni kkonvertiet f'kera, u tali fond tkompla jitgawda mill-intimati tul dawn is-snin. B'sentenza tal-bord li jirregola l-kera tal-1994, il-kera ġiet awmentata għal €2,282.69 fis-sena. Imbagħad fl-2022 il-kera għoliet għal €20,000 fis-sena. Il-fond in kwistjoni kien ġie dekontrollat u suġġett għar-rekwiżizzjoni. L-intimati vvakaw il-fond u m'għadhomx jabitaw fih, u dan minn Ottubru 2024.

Matul iż-żmien, bis-saħħa ta' Att X tal-2009, il-kera setgħet tiġi awmentata għal €185 fis-sena u li titla' proporzjonalment mal-għoli tal-ħajja. Il-leġiżlatur ukoll daħħal proċess fejn quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, ir-rata tal-kera tista' togħla sa massimu

ta' 2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq, tal-fond, u dan skont artiklu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, u/jew anke kif provdut f'artiklu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti qed jilmentaw li d-drittijiet fundamentali tagħhom qed ikunu leżi għaliex ma jistgħux jipperċepixxu kera adegwata.

**Punti ta' Liġi**

L-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens li l-provvedimenti tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u dawk viġenti bħal tal-Att XXIII tal-1979, u tal-Att X tal-2009 bil-protezzjoni li jagħtu lill-kerreja, qegħdin jilledulhom id-drittijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa minn artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-ewwel artiklu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-ewwel skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

Ir-raġunijiet indikati fil-premessi tar-rikors promotur, *inter alia,* huma *prima facie* xi ftit jew wisq riflessjoni tal-istess raġunijiet li fuqhom il-Qorti Ewropeja konsistentement sabet ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni fid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69, dan għaliex dawn ġew ikkunsidrati li jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet tal-propjeta` tas-sid, li hija inkompatibbli mat-tielet prinċipju ta' bilanċ ġust stabbilit fl-imsemmi artiklu protokollari. Din l-interferenza kkawżata b'dawn id-dispożizzjonijiet trid tkun waħda li ma żżommx "bilanċ xieraq" bejn l-esiġenzi tal-interess ġenerali tal-komunita` u l-ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu.

Il-Qrati tagħna baqgħu jsegwu din il-pożizzjoni kif adottata mill-Qorti ta' Strasburgu (ara espożizzjoni dettaljata tal-prinċipji tal-ġurisprudenza stabbiliti

mill-Qorti Ewropeja kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin fis-sentenza **Margaret Caruana et Vs L-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, tat-18 ta' Marzu 2021;** ara wkoll fost oħrajn **Rita Falzon -vs- Dun Saverin *sive* Xavier Cutajar et, Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, [per Imħallef Francesco Depasquale], tal-20 ta' Ottubru 2021**).

Permezz ta' artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, li ġie fis-seħħ f'Ġunju tal-2021 permezz ta' Att XXIV tal-2021, jekk dan jirriżulta applikabbli għar-rikorrenti, huma għandhom, u kellhom minnufih, id-dritt li jistgħu jitolbu awment raġjonevoli fil-ħlas tal-kera.

Fir-rigward tal-iżgumbrament, din il-Qorti tgħid li m'humiex dawn il-Qrati li għandhom il-*vires* li jiżgumbraw lil xi inkwilin minn xi fond.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Jesmond Portelli et Vs Avukat Ġenerali et, Qorti Kostituzzjonali, tal-25 ta' Novembru 2016,** il-Qorti ddikjarat li f'każ li liġi ordinarja mhix konsistenti mad-drittijiet fundamentali, ma jfissirx li dik il-Qorti ser tgħaddi biex tordna l-iżgumbrament tal-inkwilin, għax dan propju mhuwiex kompitu ta' dik il-Qorti. Dan lanqas huwa mertu ta' kawża kostituzzjonali, iżda mertu ta' kawża *ad hoc* quddiem il-forum kompetenti. L-istess ħsieb ġie rritenut ukoll fis-sentenza bl-ismijiet **Robert Galea Vs Avukat Ġenerali et, deċiża fis-7 ta' Frar 2017,** fejn dik il-Qorti ddikjarat li mhuwiex kompitu ta' Qorti li filwaqt li tkun mitluba tistħarreġ ilment ta' ksur ta' dritt fundamentali, tgħaddi wkoll biex tordna żgumbrament tal-inkwilin.

Apparti minn hekk, kif diġa` ingħad, illum l-intimati m'għadhomx jabitaw fil-

fond u allura tali fond huwa lura fil-pussess tar-rikorrenti.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti mill-ewwel tirrileva li mid-dokumenti esebiti hija konvinta li l-kirja hija waħda li bdiet mill-1990, u dan f'Awwissu tal-1990, wara li spiċċat il-konċessjoni emfitewtika temporanja li kienet bdiet fl-1973 għal 17 -il sena. Dan ai termini tal-artiklu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-intimat Avukat tal-iStat jesiġi wkoll li r-rikorrenti trid tipprova t-titolu tagħha għall-propjeta` *de quo*. Il-Qorti tfakkar ukoll, li ai fini ta' dawn il-proċeduri, dawn il-Qrati rribadew konsistentement il-prinċipju li l-prova meħtieġa f'dan ir-rigward mhix dik tal-*probatio diabolica* bħal fil-każ tal-azzjoni *rei vindicatoria*, iżda prova *prima facie* li dan it-titolu jeżisti hija biżżejjed.

<u>Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta</u>

Ir-rikorrenti jiddikjaraw li qed jiġu miksura d-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti f'artiklu 37 tal-Kostituzzjoni.

Għalhekk din il-Qorti ser tara jekk dan huwiex minnu u jekk dan jissussistix abbażi ta' dak li qed jiddikjaraw ir-rikorrenti.

Artiklu 37 ma japplikax f'għadd ta' ċirkostanzi msemmija f'sub-artiklu (2) tal-istess artiklu. Artiklu 37(2)(f) jipprovdi li ebda ħaġa fl-istess artiklu m'għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi sa fejn din tkun tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' propjeta`, li seħħ f'kuntest ta' kirja. Allura jsegwi li r-rikorrenti ma jistgħux jattakkaw it-tħaddim tal-

Liġijiet nostrani in kwistjoni abbażi tal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni.

Barra minn hekk, kemm Kap. 69 u anke Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, fost oħrajn, huma liġijiet li jmorru lura għal qabel l-1962 u allura huma protetti bl-artiklu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni.

Kap.69 tal-Liġijiet ta' Malta, skont artiklu 47(9) tal-Kostituzzjoni, ma jistax ikun suġġett għal artiklu 37 tal-istess Kostituzzjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza bl-ismijiet: **Anthony Debono Vs Avukat Ġenerali *et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali, fit-8 ta' Ottubru 2020.

<u>Artiklu wieħed tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja</u>

Sa fejn l-azzjoni tolqot l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-AttX tal-2009 kif kienu viġenti qabel l-introduzzjoni tal-emendi bl-Att XXIV tal-2021, l-allegat fatti tal-każ in diżamina huma simili għal dawk ravviżati fid-diversi sentenzi tal-Qorti Ewropeja u tal-Qrati tagħna ċitati fis-sentenza **Margaret Caruana *et* Vs L-Avukat Ġenerali *et***. Għaldaqstant japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet legali hemm esposti. Isegwi għalhekk, li fil-każ ta' llum din il-Qorti tasal għal raġunament simili li waslu għalih Qrati oħra ripetutament f'kawżi ta' din ix-xorta u f'ċirkostanzi simili, u ċioe` f'xenarju ta' qabel l-Att XXIV tal-2021, li dawn kienu leżivi tad-drittijiet fundamentali tas-sidien kif garantiti bl-ewwel artiklu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni. Pero` mhux kull rikors huwa bilfors bħall-ieħor, anzi kull kawża għandha l-varjanti tagħha kif ser jingħad aktar 'l isfel.

Bħala rimedju r-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tiddikjara lill-intimati, jew min

minnhom, responsabbli għall-kumpens, u għad-danni sofferti minnha b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom.

Il-Qorti għalhekk tqis li, semmai, jekk għandha tipprovdi rimedju, u jekk dan huwa xieraq li jkun mogħti, għandha tagħmel dan biss għall-effetti tal-ksur tad-drittijiet fundamentali permezz ta' kumpens sal-2018.

Dan b'applikazzjoni tal-prinċipju applikat mill-Qrati tagħna fir-rigward tal-artiklu 12B tal-Kap. 158, introdott bl-Att XXVII tas-sena 2018, li ġie sostitwit bl-istess Att XXIV tas-sena 2021. Il-Qorti tqis li dan il-prinċipju għandu japplika wkoll għall-artiklu 4A tal-Kap. 69 li ġie introdott bl-istess Att u għall-istess skop: "*Minħabba li d-dispożizzjonijiet [tal-Att XXVII] [issa sostitwit bl-Att XXIV tal-2021] ta' dawk il-bidliet daħlu fis-seħħ, u fid-dawl ta' dak li sejra tiddeċiedi l-Qorti dwar il-qagħda tal-intimati, joħroġ li r-rikorrenti għandhom disponibbli rimedju proċedurali ta' aċċess lil qorti jew tribunal li jista' jagħtihom, jekk hekk jirriżulta mistħoqq, rimedju in integrum li jindirizza l-ksur tal-jedd fundamentali tagħhom. Din iċ-ċirkostanza, fil-fehma tal-Qorti, titfa' element relevanti li jolqot l-ikkalibrar tal-ammont tal-kumpens minnhom pretiż*" (ara **Victoria Amato Gauci *et* Vs Avukat Ġenerali *et***).

Huwa aċċettat li għal fini ta' bilanċ bejn dak li hu interess ġenerali u dak li hu interess privat, tali emendi legali fuq imsemmija huma kkunsidrati li jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-bilanċ u l-proporzjonalita`.

Huwa mifhum li r-rikorrenti huma sidien tal-fond in kwistjoni. Il-fatt li dawn l-azzjonijiet bdew isiru 'moda' pjuttost riċenti ma jfissirx li ma setgħux isiru

qabel mill-antenati tar-rikorrenti jew sidien preċedenti għall-interessi tagħhom, u sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom meta huma kienu sidien tal-istess propjeta`. Għalhekk dan il-fattur jittieħed in konsiderazzjoni għal fini ta' fissazzjoni ta' kumpens jekk huwa l-każ. Illum kulħadd sar jagħmel dawn ix-xorta ta' azzjonijiet, ikun kemm ikun għadda żmien minn meta l-interessati jkunu saru propjetarji, sempliċiment għax kulħadd sar jagħmel hekk. Din il-Qorti saħansitra kellha kawżi fejn il-persuna li tkun akkwistat b'titolu oneruż ukoll tippretendi li tirċievi l-kumpens li talvolta setgħu kienu intitolati għalih l-awturi tagħhom (ara s-sentenza tas-**16 ta' Ġunju 2022, fl-ismijiet D. Peak Limited -vs- Avukat tal-Istat et, Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)**).

Irridu wkoll niftakru, li kemm -il darba ġie ribadit, li in tema tal-interess ġenerali, kemm mill-Qrati tagħna u kif ukoll mill-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa, li l-istat igawdi minn attitudni wiesgħa ħafna fl-implimentazzjoni tal-politika soċjali u ekonomika u dan anke jekk dawn bħala riżultat ifixklu d-dritt tal-propjeta` ta' ħaddieħor (ara *inter alia* s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Adrian Strickland nomine Vs. Onor. Prim Ministru et, tal-14 ta' Lulju 2008**).

Għal-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq, jekk dan ikun immeritat, il-Qorti għandha tapplika l-istess konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fil-paragrafi 101-109 tas-sentenza **Cauchi v. Malta, deċiża mill-Qorti Ewropeja fil-25 ta' Marzu 2021**. Dan iżda sal-2018.

Fl-evalwazzjoni minnha tad-dannu pekunjarju dovut lill-applikant bħala

kumpens għat-telf ta' kontroll, użu u tgawdija tal-proprjeta` tiegħu, l-QEDB fil-kawża **Cauchi -vs- Malta** qieset, sa fejn kien xieraq, il-valuri lokatizji fis-suq Malti tal-proprjeta` matul il-perjodi relevanti. Hija wkoll ikkunsidrat l-għanijiet leġittimi u l-"interess pubbliku" ta' dawn ir-restrizzjonijiet li jiġġustifikaw kumpens anqas mill-kumpens sħiħ li altrimenti jkun dovut skont il-valur tas-suq ħieles. F'dan ir-rigward il-QEDB innotat li l-miżuri kkontestati f'kawżi ta' din ix-xorta ġew meqjusa li kellhom bħala għan leġittimu l-protezzjoni soċjali tal-kerrejja.

Il-QEDB madankollu sabet ukoll li l-ħtieġa u l-interess ġenerali għal din il-protezzjoni li setgħet kienet eżistenti f'Malta meta ġew introdotti dawn il-liġijiet battiet matul il-kors tat-tlett deċenji li segwew minn dik is-sena. F'dan l-isfond il-QEDB qieset li għall-finijiet tal-għoti ta' kumpens, tali valuri lokatizji jitnaqqsu b'madwar 30% abbażi ta' dak il-għan leġittimu.

Il-QEDB żiedet tgħid li raġunijiet oħra ta' interess pubbliku jistgħu ma jiġġustifikawx tali tnaqqis. Il-QEDB aċċettat ukoll li l-propjeta`, kieku ma kinetx hekk suġġetta għal din il-leġiżlazzjoni impunjata, mhux bilfors kienet sejra tinkera matul il-perjodu kollu. Dan speċjalment fid-dawl ta' kif sploda s-suq tal-propjeta` riċentement. Il-QEDB għaldaqstant qieset bħala aċċettabbli li jitqies li t-telf attwali kien inqas minn dak iddikjarat, b'mill-inqas 20%.

Magħdud ma' dan, il-QEDB qieset li l-kera li l-applikant ikun diġa` rċieva għall-perjodu relevanti għandu jitnaqqas mill-kalkolu relevanti. F'dan ir-rigward, il-QEDB irriteniet li l-kera li għandha hekk titnaqqas hija dik applikabbli bl-istess liġi. Dan peress li l-applikant stess għażel minn jeddu li

ma jżidx il-kera għal perjodu taż-żmien miftiehem. Il-QEDB ikkunsidrat li għandu jiġi mnaqqas ukoll l-ammont globali mogħti mill-Qorti nazzjonali, liema ammont jibqa' pagabbli lill-applikant jekk ma jkunx għadu ġie hekk imħallas lilu.

Minkejja dan kollu li ingħad, għal fini ta' kjarezza, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-fatti kif ukoll tikkontempla l-affarijiet kif ġraw u kif inhuma, u dan mill-aspett legali wkoll. Jirriżulta li kif diġa` ssemma' qabel kien hemm ordni ta' dekontroll u rekwiżizzjoni fuq l-istess fond in kwistjoni. Kif ingħad ukoll tali kirja, jidher li japplika fil-każ in diżamina, l-artiklu 12 tal-Kap. 158, u li allura minnu hija naxxenti l-okkupazzjoni tal-intimati. Għaldaqstant jidher illi tali enfitewsi temporanja kkonvertiet f'kirja *ope legis* u għalhekk wieħed jifhem li dan seħħ mill-1990 'l quddiem.

Għalhekk wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-konklużjonijiet tal-Periti minnha maħtur u s-sensiela ta' prinċipji fuq imsemmija, tasal għall-konklużjoni, li għal perjodu partikolari bejn l-1990 u l-2018 issib li kien qed iseħħ ksur ta' drittijiet fundamentali, u għalhekk tara li għandu jkun hemm kumpens pekunjarju.

Di piu' bħala danni non-pekunjarji, jew danni morali, il-Qorti tara li dawn jingħataw għal xi tbatija li jkun għaddej minnha dak li jkun waqt iż-żmien relevanti, bħal fil-każ ta' dewmien li jista' joħloq inkwiet fil-persuna milquta miċ-ċirkostanzi. F'dan ir-rigward, issir referenza għas-sentenza ta' **Carmelina Bugeja Vs Nazzareno Spiteri et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali, fit-30**

**ta' Marzu 2022.** Fil-każ odjern il-Qorti ma tara ebda dewmien jew inkella nuqqas ta' disponibilita` ta' rimedji adegwati u effettivi għad-dispożizzjoni tar-rikorrenti qua sidien tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri. Ta' min isemmi wkoll li d-danni morali ma jintirtux u li kumpens non-pekunjarju jirrifletti t-tbatija morali li tkun għaddiet minnu l-vittma minħabba ksur li jkun ġie kkonstatat mill-Qorti. (Ara s-sentenza fl-ismijiet **Tabib Dr. Jacob Vella et Vs Paul Magro et, deċiża 25 ta' Ottubru, 2023**).

B'dana kollu, meħud iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u kif ukoll il-valuri stabbiliti mill-perit nominat minn din il-Qorti, ai fini ta' danni pekunjarji qed ikun stabbilit il-valur ta' tnejn u ħamsin elf ewro (€52,000) li għal din il-Qorti huwa adegwat u ġust.

Sa fejn dan ir-rikors jirrigwarda lill-intimati inkwilini, dawn ser ikunu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex kif dejjem irritenew dawn il-Qrati, il-preżenza tal-inkwilin f'din il-proċedura hija rikjesta għall-integrita` tal-ġudizzju. Finalment mhumiex l-intimati inkwilini li, jekk ikun il-każ, iridu jagħtu rimedju, stante li ma kinux huma li għamlu l-liġi, u kieku stess, jekk ikun il-każ, huwa l-istat li għandu jwieġeb għal xi ksur ta' drittijiet fundamentali għax huwa propju fl-obbligu tal-istat li jiggarantixxi d-drittijiet taċ-ċittadin. (Ara **Emanuel Bezzina et Vs Avukat Ġenerali, deċiża fit-30 ta' Mejju 2019**).

**Deċide**

Għaldaqstant, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrenti;

**Tilqa' t-tieni talba** tar-rikorrenti fir-rigward tal-ksur tal-ħarsien ta' artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja;

**Tilqa' t-talbiet l-oħra** tar-rikorrenti limitatament billi tillikwida kumpens pekunjarju favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u ħamsin elf Ewro (€52,000) bħala danni pekunjarji u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-iStat iħallas dan l-ammont lir-rikorrenti bl-imgħaxijiet legali mill-preżenti sal-pagament effettiv.

**Tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju** lill-intimati inkwilini.

Spejjeż għall-intimat Avukat tal-iStat.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**